KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
PITRUZZELLA
ippreżentati fil-21 ta' Jannar 2021 [1]

Kawża C-54/19 P

Axa Mediterranean Holding, SA
vs

Il-Kummissjoni Ewropea

"Appell – Dispożizzjonijiet dwar it-taxxa fuq il-kumpanniji li jippermettu lill-impriżi b'domiċilju fiskali fi Spanja jamortizzaw l-avvjament riżultanti minn akkwisti ta' azzjonijiet f'kumpanniji b'domiċilju fiskali barra mill-pajjiż – Kunċett tal-għajnuna mill-Istat – Selettività"

1. Din il-kawża għandha bħala għan l-appell ippreżentat minn Axa Mediterranean Holding, SA (iktar 'il quddiem "Axa") mis-sentenza tal-15 ta' Novembru 2018, Axa Mediterranean Holding vs Il-Kummissjoni [2] (iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata"), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ex Artikolu 263 TFUE ppreżentat minn Axa u intiż għall-annullament tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/282/UE tal-Kummissjoni tat-12 ta' Jannar 2011 dwar l-amortizzazzjoni tat-taxxa tal-avvjament finanzjarju għal akkwiżizzjonijiet ta' ishma barranin Nru C 45/07 (ex NN 51/07, ex CP 9/07) implimentata minn Spanja (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata" [3]) u, sussidjarjament, tal-Artikolu 4 tal-istess deċiżjoni.

2. Dan l-appell jagħmel parti minn serje ta' tmien kawżi paralleli li għandhom bħala għan l-annullament tas-sentenzi li permezz tagħhom il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikorsi ppreżentati minn ċerti kumpanniji Spanjoli kontra d-deċiżjoni kkontestata jew kontra d-Deċiżjoni 2011/5/KE tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ottubru 2009 dwar l-amortizzazzjoni tat-taxxa tal-avvjament finanzjarju għal akkwiżizzjonijiet ta' ishma barranin (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni tat-28 ta' Ottubru 2009") [4].

1 Lingwa oriġinali: it-Taljan.

2 T-405/11, mhux ippubblikata, EU:T:2018:780.

3 Deċiżjoni Nru C 45/07 (ex NN 51/07, ex CP 9/07) (ĠU 2011, L 135, p. 1). Din id-deċiżjoni kienet suġġetta għal żewġ rettifiki, bid-data tat-3 ta' Marzu 2011 u s-26 ta' Novembru 2011.

4 C 45/07 (ex NN 51/07, ex CP 9/07) (ĠU 2011, L 7, p. 48). Il-kawżi l-oħra, li dwarhom qiegħed nippreżenta l-konklużjonijiet tiegħi llum, huma l-Kawżi magħquda C-51/19 P, World Duty Free Group, u C-64/19 P, Spanja vs Il-Kummissjoni, C-53/19 P, Banco Santander u Santusa vs Il-Kummissjoni, u C-65/19 P, Spanja vs Il-Kummissjoni, u l-Kawżi C-50/19 P, Sigma Alimentos Exterior vs Il-Kummissjoni, C-52/19 P, Banco Santander vs Il-Kummissjoni, u C-55/19 P, Proseguor Compañía de Seguridade vs Il-Kummissjoni.

I. Il-fatti, il-miżura kontenzjuża u d-deċiżjoni kkontestata

3. Fl-10 ta' Ottubru 2007, wara diversi interrogazzjonijiet bil-miktub li sarulha matul l-2005 u l-2006 minn Membri tal-Parlament Ewropew, kif ukoll denunzja ta' operatur privat li kienet id-destinatarja tagħha matul l-2007, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-attwali Artikolu 108(2) TFUE [5] (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni tal-ftuħ"), fir-rigward tad-dispożittiv previst mill-Artikolu 12(5) introdott fil-Ley del Impuesto sobre Sociedades (il-Liġi Spanjola dwar it-Taxxa fuq il-Kumpanniji) mil-Ley 24/2001, de Medidas Fiscales, Administrativas y del Orden Social (il-Liġi 24/2001, li tadotta Miżuri Fiskali, Amministrattivi u ta' Natura Soċjali), tas-27 ta' Diċembru 2001 [6], u riprodott fir-Real Decreto Legislativo 4/2004, por el que se aprueba el texto refundido de la Ley del Impuesto sobre Sociedades (id-Digriet Leġiżlattiv Irjali 4/2004, li japprova t-Test Rivedut tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq il-Kumpanniji, iktar 'il quddiem it-"TRLIS"), tal-5 ta' Marzu 2004 (iktar 'il quddiem il-"miżura kontenzjuża"). Il-miżura kontenzjuża tipprevedi li, fil-każ ta' akkwist minn impriża taxxabbli fi Spanja ta' azzjonijiet f'"kumpannija barranija", meta dan l-akkwist ta' azzjonijiet ikun ta' mill-inqas 5 % u meta l-azzjonijiet inkwistjoni jinżammu għal perijodu mhux interrott ta' mill-inqas sena, l-avvjament [7] finanzjarju [8] li jirriżulta minn dan jista' jitnaqqas, fil-forma ta' amortizzazzjoni, mill-bażi taxxabbli tat-taxxa fuq il-kumpanniji li għaliha hija suġġetta l-impriża. Il-miżura kontenzjuża tippreċiża li, sabiex tiġi kklassifikata bħala "kumpannija barranija", kumpannija għandha tkun suġġetta għal taxxa identika għat-taxxa applikabbli fi Spanja u d-dħul tagħha għandu joriġina essenzjalment mit-twettiq ta' attivitajiet barra mill-pajjiż.

4. Permezz tad-Deċiżjoni tat-28 ta' Ottubru 2009, il-Kummissjoni għalqet il-proċedura ta' investigazzjoni formali dwar l-akkwisti ta' azzjonijiet mwettqa fi ħdan l-Unjoni Ewropea. F'din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni ddikjarat bħala inkompatibbli mas-suq intern is-sistema ta' għajnuna implimentata minn Spanja permezz tal-miżura kontenzjuża fir-rigward tal-għajnuna mogħtija lill-benefiċjarji sabiex jitwettqu akkwisti intrakomunitarji.

5. Il-Kummissjoni żammet il-proċedura ta' investigazzjoni formali miftuħa għal dak li jirrigwarda l-akkwisti ta' azzjonijiet imwettqa barra mill-Unjoni, bi stennija ta' elementi ulterjuri li l-awtoritajiet Spanjoli ntrabtu li jipprovdulha. Din il-parti tal-proċedura ngħalqet permezz tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata. L-Artikolu 1(1) ta' din id-deċiżjoni jiddikjara bħala inkompatibbli mas-suq intern is-sistema ta' għajnuna implimentata minn Spanja permezz tal-miżura kontenzjuża "fir-rigward tal-għajnuna mogħtija lill-benefiċjarji fir-rigward tal-akkwiżizzjonijiet minn barra l-Unjoni" [9]. Il-punt 4 ta' dan l-artikolu jipprevedi li "jista' jkompli

[5] ĠU 2007, C 311, p. 21 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni tal-ftuħ").

[6] BOE nru 61, tal-11 ta' Marzu 2004, p. 10951.

[7] L-avvjament huwa ddefinit fil-premessa 27 tad-deċiżjoni kkontestata bħala "l-valur ta' isem tan-negozju rispettat sew, relazzjonijiet tajbin ma' klijenti, ħiliet tal-impjegati, u tali fatturi oħra li huma mistennija li jsarrfu fi qligħ ikbar milli evidenti fil-futur", li jikkorrispondi għall-"prezz imħallas għall-akkwiżizzjoni ta' negozju li jaqbeż il-valur fis-suq tal-assi li jikkostitwixxu n-negozju", u għandu jitniżżel fil-kotba, skont il-prinċipji tal-kontabbiltà Spanjoli, bħala assi intanġibbli separati, hekk kif il-kumpannija akkwirenti tieħu l-kontroll tal-kumpanija fil-mira.

[8] Il-premessa 29 tad-deċiżjoni kkontestata tistabbilixxi li, "avvjament finanzjarju" kif użat fis-sistema tat-taxxa Spanjola huwa l-avvjament li kien jitniżżel fil-kotba kieku l-kumpannija li għandha l-azzjonijiet u l-kumpannija fil-mira fformaw grupp.

[9] L-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata eskluda mid-dikjarazzjoni ta' inkompatibbiltà u mill-ordni tal-irkupru t-tnaqqis fiskali li bbenefikaw minnu l-benefiċjarji sabiex iwettqu akkwisti barra mill-Unjoni bl-applikazzjoni tal-miżura kontenzjuża "li huma relatati ma' drittijiet miżmuma direttament jew indirettament f'kumpaniji barranin li jilħqu l-kundizzjonijiet rilevanti tal-iskema tal-għajnuna sal-21 ta' Diċembru 2007, apparti mill-kundizzjoni li jżommu l-ishma tagħhom għal perjodu mhux interrott ta' mill-inqas sena". Il-Kummissjoni fil-fatt ikkunsidrat li sa dik id-data (li tikkorrispondi għall-pubblikazzjoni fil-ĠU tad-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali), il-benefiċjarji tal-miżura kontenzjuża kienu jgawdu minn aspettattivi leġittimi tal-legalità ta' din il-miżura (ara l-premessi minn 186 sa 199 tad-deċiżjoni kkontestata). L-istess trattament japplika, skont il-premessa 200 tad-deċiżjoni kkontestata, għall-benefiċjarji li wettqu tranżazzjoni f'pajjiżi terzi, li jkunu akkwistaw maġġoranza ta' azzjonijiet u li jistgħu jipprovdu evidenza suffiċjenti biex juru l-eżistenza ta' ostakolu legali espliċitu, fis-sens ta' din id-deċiżjoni, fid-dritt nazzjonali ta' dan il-pajjiż terz.

japplika għall-perjodu sħiħ tal-amortizzazzjoni stabbilit mill-iskema tal-għajnuna" "it-tnaqqis fit-taxxa li jgawdu l-benefiċjarji taħt l-Artikolu 12(5) TRLIS fir-rigward tal-akkwiżizzjonijiet minn barra l-Unjoni mwettqa sad-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li huma relatati ma' maġġoranza ta' ishma li huma miżmuma direttament jew indirettament f'kumpaniji barranin stabbiliti fiċ-Ċina, fl-Indja jew f'pajjiżi oħra fejn l-eżistenza ta' ostakli legali espliċiti għal kombinamenti tan-negozju transkonfinali ntwerew jew jistgħu jintwerew". L-Artikolu 4(1) tad-deċiżjoni kkontestata jipprevedi l-irkupru tal-"għajnuna inkompatibbli korrispondenti għat-tnaqqis fit-taxxa taħt l-iskema msemmija fl-Artikolu 1(1) mingħand il-benefiċjarji li d-drittijiet tagħhom f'kumpaniji barranin, miksuba fil-kuntest tal-akkwiżizzjonijiet ekstra-Komunitarji, ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet deskritti fl-Artikolu 1(2)-(5)".

II. Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

6. Permezz ta' att promotur ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-29 ta' Lulju 2011, Axa ppreżentat rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata. Permezz ta' att separat, il-Kummissjoni, fil-11 ta' Novembru 2011, qajmet eċċezzjoni dwar l-inammissibbiltà li l-Qorti Ġenerali għaqqdet mal-mertu. Il-proċedura ġiet sospiża mit-13 ta' Marzu sas-7 ta' Novembru 2014, data li fiha l-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni fil-kawża li tat lok għas-sentenza tas-7 ta' Novembru 2014, Banco Santander u Santusa vs Il-Kummissjoni [10] (iktar 'il quddiem is-"sentenza Banco Santander u Santusa vs Il-Kummissjoni") li annullat id-deċiżjoni kkontestata, bil-motivazzjoni li l-Kummissjoni kienet applikat b'mod żbaljat ir-rekwiżit tas-selettività previst mill-Artikolu 107(1) TFUE. Il-Qorti Ġenerali annullat ukoll id-Deċiżjoni tat-28 ta' Ottubru 2009 permezz tas-sentenza tas-7 ta' Novembru 2014, Autogrill España vs Il-Kummissjoni [11] (iktar 'il quddiem is-"sentenza Autogrill España vs Il-Kummissjoni").

7. Permezz ta' att promotur ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fid-19 ta' Jannar 2015, il-Kummissjoni appellat mis-sentenza Banco Santander u Santusa vs Il-Kummissjoni. Dan l-appell, li ġie rreġistrat bin-numru C-21/15 P, ġie magħqud mal-appell, irreġistrat bin-numru C-20/15 P, li l-Kummissjoni kienet ippreżentat mis-sentenza Autogrill España vs Il-Kummissjoni. Permezz tad-deċiżjonijiet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Mejju 2015, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, l-Irlanda u r-Renju ta' Spanja ġew ammessi sabiex jintervjenu fil-Kawżi magħquda insostenn tat-talbiet ta' WDFG, ta' Banco Santander u ta' Santusa. Permezz tas-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group *et* [12] (iktar 'il quddiem is-"sentenza WDFG"), il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza Banco Santander u Santusa vs Il-Kummissjoni, u bagħtet lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali u parzjalment irriżervat l-ispejjeż. Il-Qorti tal-Ġustizzja annullat ukoll is-sentenza Autogrill España vs Il-Kummissjoni.

8. Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali, li ġiet sospiża mill-ġdid fid-9 ta' Marzu 2015, tkompliet fil-21 ta' Diċembru 2016 u ġiet konkluża bl-adozzjoni tas-sentenza appellata, li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ta' Axa u kkundannatha għall-ispejjeż.

[10] T-399/11, EU:T:2014:938.

[11] T-219/10, EU:T:2014:939.

[12] C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981.

III. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

9. Permezz ta' att promotur ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-25 ta' Jannar 2019, Axa ppreżentat dan l-appell. Hija titlob l-annullament tas-sentenza appellata, l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata flimkien mal-aċċettazzjoni tar-rikors tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali u li l-Kummissjoni tiġi kkundannata għall-ispejjeż. Il-Kummissjoni titlob li l-appell jiġi miċħud u li l-appellanti tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

IV. Analiżi

A. Osservazzjonijiet preliminari

10. Għal eżami tal-istat attwali tal-ġurisprudenza fil-kwistjoni tas-selettività tal-miżuri fiskali, u, senjatament, sabiex jintwera l-metodu ta' analiżi tas-selettività fi tliet fażijiet żviluppat mill-Qorti tal-Ġustizzja, nirreferi għall-kunsiderazzjonijiet magħmula u għall-kriterji mfakkra fil-punti minn 11 sa 21 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawżi magħquda C-51/19 P, World Duty Free Group vs Il-Kummissjoni, u C-64/19 P, Spanja vs Il-Kummissjoni, ippreżentati llum. Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet u kriterji li sejrin jiġu eżaminati l-ilmenti magħmula minn Axa. Dwar l-implikazzjonijiet tas-sentenza WDFG għall-għan tal-eżami ta' dan l-appell, nirreferi pjuttost għall-punti minn 23 sa 27 ta' dawn il-konklużjonijiet.

B. Fuq l-appell

11. Axa tqajjem aggravju uniku insostenn tal-appell tagħha, relatat ma' żball fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE fir-rigward tal-kriterju tas-selettività. Dan l-aggravju huwa maqsum f'erba' partijiet prinċipali u tnejn sussidjarji.

1. Fuq l-ewwel parti tal-aggravju uniku: żball fid-determinazzjoni tas-sistema ta' referenza

12. L-ilmenti mressqa fil-kuntest tal-ewwel parti tal-aggravju uniku ta' Axa huma bbażati fuq l-ewwel fażi tal-analiżi tas-selettività, intiża għad-determinazzjoni tas-sistema ta' referenza. Dwar il-kunċett tas-"sistema ta' referenza" u dwar il-kriterji applikabbli għall-għan tad-determinazzjoni tagħha, nirreferi għall-osservazzjonijiet magħmula fil-punti minn 37 sa 51 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawżi magħquda C-51/19 P, World Duty Free Group vs Il-Kummissjoni, u C-64/19 P, Spanja vs Il-Kummissjoni, ippreżentati llum.

a) Fuq l-ewwel ilment tal-ewwel parti tal-aggravju uniku

13. Peress illi l-kontestazzjonijiet imressqa fil-kuntest ta' dan l-ilment, kif ukoll l-argumenti invokati insostenn ta' dawn il-kontestazzjonijiet, huma identiċi għal dawk imqajma fil-kuntest tal-ewwel ilment tal-ewwel parti tal-aggravju uniku ta' World Duty Free Group fil-Kawża C-51/19 P, ser nillimita ruħi, għall-għan tal-eżami tagħhom, li nirreferi *mutatis mutandis* għall-punti minn 52 sa 59 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawżi magħquda C-51/19 P u C-64/19 P, ippreżentati llum. Għall-istess raġunijiet bħal dawk esposti f'dawn il-punti, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-ewwel ilment tal-ewwel parti tal-aggravju uniku ta' Axa.

b) Fuq it-tieni lment tal-ewwel parti tal-aggravju uniku

14. Peress illi l-kontestazzjonijiet imqajma fil-kuntest tat-tieni lment tal-ewwel parti tal-aggravju uniku ta' Axa, kif ukoll l-argumenti invokati insostenn ta' dawn il-kontestazzjonijiet, huma identiċi għal dawk imqajma fil-kuntest tat-tieni lment tal-ewwel parti tal-aggravju uniku ta' World Duty Free Group fil-Kawża C-51/19 P, ser nillimita ruħi, għall-għan tal-eżami tagħhom, li nirreferi *mutatis mutandis* għall-punti minn 62 sa 82 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawżi magħquda C-51/19 P u C-64/19 P, ippreżentati llum, li fihom nissuġġerixxi li dawn il-kontestazzjonijiet kollha jiġu miċħuda. Għall-istess raġunijiet bħal dawk esposti f'dawn il-punti, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad it-tieni lment tal-ewwel parti tal-aggravju uniku ta' Axa.

c) Fuq it-tielet ilment tal-ewwel parti tal-aggravju uniku

15. Peress illi l-kontestazzjonijiet imqajma fil-kuntest tat-tielet ilment tal-ewwel parti tal-aggravju uniku ta' Axa, kif ukoll l-argumenti invokati insostenn ta' dawn il-kontestazzjonijiet, huma identiċi għal dawk imqajma fil-kuntest tat-tielet ilment tal-ewwel parti tal-aggravju uniku ta' World Duty Free Group fil-Kawża C-51/19 P, ser nillimita ruħi, għall-għan tal-eżami tagħhom, li nirreferi *mutatis mutandis* għall-punti minn 85 sa 87 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawżi magħquda C-51/19 P u C-64/19 P, ippreżentati llum. Għall-istess raġunijiet bħal dawk esposti f'dawn il-punti, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad it-tielet ilment tal-ewwel parti tal-aggravju uniku ta' Axa.

2. Fuq it-tieni parti tal-aggravju uniku: żball fid-determinazzjoni tal-għan li skontu għandu jitwettaq l-eżami tal-komparabbiltà

16. L-ilmenti magħmula minn Axa fil-kuntest tat-tieni parti tal-aggravju uniku tagħha huma bbażati fuq il-punti minn 139 sa 160 tas-sentenza appellata u huma intiżi sabiex jikkontestaw il-motivi ta' din is-sentenza li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali identifikat l-għan tas-sistema ta' referenza u qabblet, fid-dawl ta' dan l-għan, is-sitwazzjoni tal-impriżi benefiċjarji tal-vantaġġ introdott mill-miżura kontenzjuża ma' dawk li huma esklużi minnha.

17. Peress illi l-kontestazzjonijiet imqajma fil-kuntest ta' din il-parti tal-aggravju uniku ta' Axa, kif ukoll l-argumenti invokati insostenn ta' dawn il-kontestazzjonijiet, huma identiċi għal dawk imqajma fil-kuntest tat-tieni parti tal-aggravju uniku ta' World Duty Free Group fil-Kawża C-51/19 P, ser nillimita ruħi, għall-għan tal-eżami tagħhom, li nirreferi *mutatis mutandis* għall-punti minn 91 sa 106 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawżi magħquda C-51/19 P u C-64/19 P, ippreżentati llum. Għall-istess raġunijiet bħal dawk esposti f'dawn il-punti, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad it-tieni parti tal-aggravju uniku ta' Axa.

3. Fuq it-tielet parti tal-aggravju uniku: żball fid-dritt fit-tqassim tal-oneru tal-prova

18. Peress illi l-kontestazzjonijiet imqajma fil-kuntest tat-tielet parti tal-aggravju uniku ta' Axa, kif ukoll l-argumenti invokati insostenn ta' dawn il-kontestazzjonijiet, huma identiċi għal dawk imqajma fil-kuntest tat-tielet parti tal-aggravju uniku ta' World Duty Free Group fil-Kawża C-51/19 P, ser nillimita ruħi, għall-għan tal-eżami tagħhom, li nirreferi *mutatis*

mutandis għall-punti minn 109 sa 110 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawżi magħquda C-51/19 P u C-64/19 P, ippreżentati llum. Għall-istess raġunijiet bħal dawk esposti f'dawn il-punti, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad it-tielet parti tal-aggravju uniku ta' Axa.

4. Fuq ir-raba' parti tal-aggravju uniku: proporzjonalità

19. Peress illi l-kontestazzjonijiet imqajma fil-kuntest tar-raba' parti tal-aggravju uniku ta' Axa, kif ukoll l-argumenti invokati insostenn ta' dawn il-kontestazzjonijiet, huma identiċi għal dawk imqajma fil-kuntest tar-raba' parti tal-aggravju uniku ta' World Duty Free Group fil-Kawża C-51/19 P, ser nillimita ruħi, għall-għan tal-eżami tagħhom, li nirreferi *mutatis mutandis* għall-punti minn 112 sa 113 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawżi magħquda C-51/19 P u C-64/19 P, ippreżentati llum. Għall-istess raġunijiet bħal dawk esposti f'dawn il-punti, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad ir-raba' parti tal-aggravju uniku ta' Axa.

5. Fuq il-ħames parti tal-aggravju uniku: rabta kawżali

20. Peress illi l-kontestazzjonijiet imqajma fil-kuntest tal-ħames parti tal-aggravju uniku ta' Axa, kif ukoll l-argumenti invokati insostenn ta' dawn il-kontestazzjonijiet, huma identiċi għal dawk imqajma fil-kuntest tal-ħames parti tal-aggravju uniku ta' World Duty Free Group fil-Kawża C-51/19 P, ser nillimita ruħi, għall-għan tal-eżami tagħhom, li nirreferi *mutatis mutandis* għall-punti minn 114 sa 117 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawżi magħquda C-51/19 P u C-64/19 P, ippreżentati llum. Għall-istess raġunijiet bħal dawk esposti f'dawn il-punti, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad il-ħames parti tal-aggravju uniku ta' Axa.

6. Fuq is-sitt parti tal-aggravju uniku: diviżibbiltà tal-miżura

21. Peress illi l-kontestazzjonijiet imqajma fil-kuntest tas-sitt parti tal-aggravju uniku ta' Axa, kif ukoll l-argumenti invokati insostenn ta' dawn il-kontestazzjonijiet, huma identiċi għal dawk imqajma fil-kuntest tas-sitt parti tal-aggravju uniku ta' World Duty Free Group fil-Kawża C-51/19 P, ser nillimita ruħi, għall-għan tal-eżami tagħhom, li nirreferi *mutatis mutandis* għall-punti minn 119 sa 122 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawżi magħquda C-51/19 P u C-64/19 P, ippreżentati llum. Għall-istess raġunijiet bħal dawk esposti f'dawn il-punti, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad is-sitt parti tal-aggravju uniku ta' Axa.

7. Konklużjonijiet fuq l-appell

22. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell fit-totalità tiegħu.

C. Fuq it-talba għal sostituzzjoni tal-aggravji tal-Kummissjoni

23. Fil-każ illi l-aggravju uniku ta' Axa jiġi kkunsidrat bħala fondat, il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tipproċedi għal sostituzzjoni tal-aggravji u sabiex tiddikjara r-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali bħala inammissibbli. F'dan ir-rigward, infakkar illi l-Kummissjoni kienet qajmet quddiem il-Qorti Ġenerali eċċezzjoni formali ta' inammissibbiltà għar-rikors ta' Axa, eċċezzjoni li ġiet magħquda mal-mertu. Billi bbażat ruħha fuq is-sentenza tas-

26 ta' Frar 2002, Il-Kunsill vs Boehringer [13] (iktar 'il quddiem is-"sentenza Boehringer"), fil-punt 28 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, madankollu, qieset bħala ġustifikabbli li teżamina fil-mertu r-rikors mingħajr ma tiddeċiedi b'mod preliminari dwar din l-eċċezzjoni [14].

24. Peress illi qiegħed nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell, ser nillimita ruħi sussegwentement għal xi kunsiderazzjonijiet qosra dwar il-mertu tat-talba tal-Kummissjoni, li qiegħda titlob essenzjalment l-eżami tal-eċċezzjoni tal-inammissibbiltà mqajma minnha quddiem il-Qorti Ġenerali.

25. F'din l-eċċezzjoni, il-Kummissjoni sostniet illi Axa kienet mingħajr *locus standi* u interess ġuridiku fir-rigward tad-deċiżjoni kkontestata, billi la uriet illi applikat il-miżura kontenzjuża u li għalhekk effettivament ibbenefikat mit-tnaqqis previst minnha, u lanqas illi kienet obbligata għar-rimbors ta' għajnuna fl-applikazzjoni ta' din id-deċiżjoni jew li ġiet esposta għar-riskju ta' rimbors bħal dan, kif pjuttost huwa mitlub mill-ġurisprudenza [15]. Fl-osservazzjonijiet tagħha dwar l-eċċezzjoni tal-inammissibbiltà quddiem il-Qorti Ġenerali, Axa sostniet li kisbet id-dritt li tapplika t-tnaqqis previst mill-miżura kontenzjuża fl-2008, fir-rigward ta' żewġ akkwisti ta' maġġoranza ta' azzjonijiet rispettivament f'kumpannija Torka u f'kumpannija Messikana. Hija sostniet li l-miżura kontenzjuża ma teħtieġx li t-tnaqqis jitwettaq fid-dikjarazzjoni tat-taxxa immedjatament segwenti t-twettiq tat-tranżazzjoni, iżda li l-benefiċjarji jistgħu liberament jiddeċiedu l-punt li fih għandhom japplikawha. F'dawn l-osservazzjonijiet, Axa sostniet li, għall-prudenza, hija ma applikatx immedjatament it-tnaqqis inkwistjoni b'mod definittiv, iżda li ħadet inkunsiderazzjoni l-miżura kontenzjuża sabiex tnaqqas il-bażi taxxabbli għall-għan tal-kalkolu tal-kontijiet għall-2009 [16]. F'dawn iċ-ċirkustanzi, Axa sostniet li għandha interess konkret u attwali fl-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, peress illi din, minn naħa, tipprekludiha mid-dritt akkwistat illi tapplika l-miżura kontenzjuża għal tranżazzjonijiet imwettqa diġà – sakemm ma tipprovax l-eżistenza ta' ostakoli għall-amalgamazzjonijiet internazzjonali fil-Messiku u fit-Turkija, konformement mal-premessa 200 ta' din id-deċiżjoni – u, min-naħa l-oħra, tesponiha għar-riskju li jkollha tħallas l-interessi moratorji fuq il-kontijiet

[13] C-23/00 P, EU:C:2002:118, punt 52.

[14] L-inverżjoni tal-ordni loġika jew naturali tat-trattament tar-rimedji ġudizzjarji li twassal għaliha l-applikazzjoni tal-hekk imsejħa ġurisprudenza Boehringer meta l-qorti tal-Unjoni tiċħad rikors fuq il-mertu anki jekk tkun tqajmet eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, b'mod partikolari jekk ta' ordni pubbliku u jekk din tiġi proposta permezz ta' att separat li jitlob li tingħata deċiżjoni mingħajr ma tidħol fid-dibattitu tal-mertu, kienet is-suġġett ta' kritika: ara, pereżempju, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jääskinen fil-kawża L-Iżvizzera vs Il-Kummissjoni (C-547/10 P, EU:C:2012:565, punti minn 46 sa 54); tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża Philips Lighting Poland u Philips Lighting vs Il-Kunsill (C-511/13 P, EU:C:2015:206, punti minn 50 sa 67); tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-kawża SNCF Mobilités vs Il-Kummissjoni (C-127/16 P, EU:C:2017:577, punt 163); u tal-istess Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer fil-kawża Il-Kunsill vs Boehringer (C-23/00 P, EU:C:2001:511, punti 30 sa 36). Minkejja dawn il-kritiki, il-ġurisprudenza Boehringer tibqa' tiġi applikata kemm mill-Qorti Ġenerali (ara, reċentement, is-sentenza tal-11 ta' Novembru 2020, AV u AW vs Il-Parlament, T-173/19, mhux ippubblikata, EU:T:2020:535, punt 42), kif ukoll mill-Qorti tal-Ġustizzja (għal applikazzjoni reċenti fil-kuntest ta' proċedura tal-appell, ara s-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Club Hotel Loutraki *et* vs Il-Kummissjoni, C-131/15 P, EU:C:2016:989, punt 68).

[15] Skont ġurisprudenza kkonsolidata sewwa, il-benefiċjarji effettivi ta' għajnuna individwali mogħtija abbażi ta' sistema ta' għajnuna mill-Istat li l-Kummissjoni tkun ordnat l-irkupru tagħha huma, għal din ir-raġuni, ikkonċernati individwalment fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE (ara, speċifikament, is-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2011, Comitato "Venezia vuole vivere" *et* vs Il-Kummissjoni, C-71/09 P, C-73/09 P u C-76/09 P, EU:C:2011:368, punt 53, iktar 'il quddiem is-"sentenza Comitato "Venezia vuole vivere""), anki jekk l-irkupru jitwettaq biss f'fażi segwenti, li fiha għandu jintwera jekk il-benefiċċji rċevuti effettivament jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat li għandha tiġi rrimborsata (ara s-sentenza Comitato "Venezia vuole vivere", punt 55). Fil-fatt, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ordni ta' rkupru diġà tikkonċerna individwalment lill-benefiċjarji kollha tal-iskema inkwistjoni "sa fejn dawn huma esposti, sa mill-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni [tal-Kummissjoni], għar-riskju li l-benefiċċji li rċevew jiġu rkuprati, u b'hekk jinsabu milquta fis-sitwazzjoni legali tagħhom" (ara s-sentenza Comitato "Venezia vuole vivere", punt 56). Għalhekk, dawn il-benefiċjarji jagħmlu parti minn ċirku żgħir fis-sens tal-ġurisprudenza meħuda mis-sentenza tas-17 ta' Jannar 1985, Piraiki-Patraiki *et* vs Il-Kummissjoni (11/82, EU:C:1985:18, punt 31).

[16] Id-dikjarazzjoni relattiva ġiet ippreżentata annessa mal-osservazzjonijiet dwar l-eċċezzjoni tal-inammissibbiltà quddiem il-Qorti Ġenerali.

għall-2009[17]. Fir-replika quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, Axa sostniet li applikat il-miżura kontenzjuża fil-kuntest tal-proċedura tal-awtolikwidazzjoni għall-2013, imbagħad, mill-ġdid, wara l-adozzjoni tas-sentenza tas-7 ta' Novembru 2014, Banco Santander u Santusa vs Il-Kummissjoni[18]. Anness mar-replika, hija ppreżentat avviż ta' likwidazzjoni, bid-data tat-18 ta' Jannar 2018, maħruġ fil-kuntest tal-proċedura ta' rkupru tal-għajnuna mogħtija fl-applikazzjoni tal-miżura kontenzjuża, bl-għan, b'mod partikolari, tal-amortizzazzjoni għall-eżerċizzji tal-2014 u 2015 tal-avvjament finanzjarju rigward l-akkwist ta' ishma f'kumpannija Torka mwettaq minn Axa matul l-2008.

26. Min-naħa tiegħi, infakkar illi, fis-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2018, Andres vs Il-Kummissjoni[19] (iktar 'il quddiem is-"sentenza Andres"), il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat illi l-fatt li rikorrent jista' jaqa', jew ma jaqax, fil-kategorija tal-benefiċjarji effettivi jew tal-benefiċjarji potenzjali ta' għajnuna individwali mogħtija taħt skema ta' għajnuna ddikjarata inkompatibbli mas-suq intern b'deċiżjoni tal-Kummissjoni ma huwiex deċiżiv sabiex jiġi stabbilit jekk dan ir-rikorrent huwiex ikkonċernat individwalment minn din id-deċiżjoni, fejn f'kull każ huwa stabbilit li l-imsemmi rikorrent huwa milqut minnha minħabba ċerti kwalitajiet li huma partikolari għalih jew minħabba sitwazzjoni ta' fatt li tikkaratterizzah meta mqabbel ma' kull persuna oħra. Għalhekk, fejn iddeċidiet dwar l-eċċezzjoni tal-inammissibbiltà tal-Kummissjoni u waslet għall-konklużjoni li Axa, billi ma applikatx il-miżura kontenzjuża jekk mhux mill-2014, ma tistax tiġi kkunsidrata bħala benefiċjarja effettiva tal-vantaġġ previst minnha fil-punt tal-preżentata tar-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tevalwa jekk is-sitwazzjoni tagħha kinitx madankollu waħda li tiddistingwixxiha minn operaturi oħra kkonċernati biss inkwantu benefiċjarji potenzjali ta' din il-miżura u, b'mod partikolari, jekk sitwazzjoni bħal din tistax tirriżulta miċ-ċirkustanza li Axa pproċediet għall-amortizzazzjoni prevista minn din il-miżura għall-għan tal-kalkolu tal-kontijiet magħmula għall-2009. Ma jidhirlix għall-kuntrarju li l-fatt biss li Axa wettqet tranżazzjoni li tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura kontenzjuża[20] jista' jkun suffiċjenti sabiex jiddistingwixxi s-sitwazzjoni tagħha fis-sens meħtieġ mill-ġurisprudenza. F'dan ir-rigward ser nillimita ruħi li nosserva li, fil-kawża li tat lok għas-sentenza Andres, il-Qorti Ġenerali aċċertat, minn naħa, li r-rikorrenti f'dik il-kawża kellha, f'eżerċizzju li ppreċeda l-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, benefiċċji taxxabbli li minnhom naqqset it-telf irrapportat skont il-klawżola ta' ristrutturazzjoni li dwarha kienet tittratta l-kawża u, min-naħa l-oħra, li rriżulta minn informazzjoni vinkolanti tal-awtoritajiet fiskali Ġermaniżi li din kienet tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' din il-klawżola[21].

V. Fuq l-ispejjeż

27. Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell jiġi miċħud il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. Skont l-Artikolu 138(1) ta' dawn ir-regoli, applikabbli, *mutatis mutandis*, għall-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha bħala għan appell minn deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, il-parti li tilfet tiġi kkundannata

[17] Axa sostniet ukoll illi l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata jevitalha li jkollha tippreżenta lill-Kummissjoni l-provi neċessarji sabiex turi l-eżistenza ta' ostakoli għall-amalgamazzjonijiet internazzjonali fit-Turkija u fil-Messiku sabiex tkun tista' tinvoka l-aspettattivi leġittimi konformement mal-premessa 200 ta' din id-deċiżjoni; ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 9 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[18] T-399/11, EU:T:2014:938.

[19] C-203/16 P, EU:C:2018:505, punt 48.

[20] Nindika li jidher li jirriżulta mill-avviż tal-likwidazzjoni ppreżentat fir-replika quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li t-tranżazzjonijiet tal-akkwist imwettqa minn Axa fl-2008 tawha effettivament dritt għall-amortizzazzjoni prevista mill-miżura kontenzjuża.

[21] Ara, b'mod partikolari, il-punti 13 u 55 tas-sentenza Andres.

għall-ispejjeż jekk tkun saret talba għal dan. Peress illi nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell ta' Axa, din għandha, fil-fehma tiegħi, tiġi kkundannata għall-ispejjeż, konformement mat-talba f'dan is-sens imressqa mill-Kummissjoni.

VI. Konklużjoni

28. Fuq il-bażi tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell u tikkundanna lil Axa għall-ispejjeż.